MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1043/2006

**Talba Nru: 1043/06VGD**

Dalton Reefer's Limited (C 31942)

Vs

Kevin Davidson (Id. 21973A).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu peress illi l-kumpanija attrici kienet timpjega lil Kevin Davidson, u peress illi l-konvenut kien jahdem full-time bhala 'refrigeration technician' fuq kuntratt indefinit li gie terminat fil-31 ta' Awissu 2006 mal-kumpanija attrici; u peress illi Kevin Davidson kien habib personali tad-direttur tal-

kumpanija attrici; u peress illi l-kumpanija attrici zborsat is-somma ta’ LM130.90c permezz ta’ cekk datat 31 ta’ Jannar 2004 lill-insurers ta’ Kevin Davidson; u peress illi tali somma kellha tintuza ghall-insurance li ma kenitx relatata max-xoghol ta’ Kevin Davidson; u peress illi kien hemm ftehim verbali illi Kevin Davidson kellu jirrestitwixxi tali somma; u peress illi tali somma ghandha tigi kkunsidrata bhala self brevi manu; u ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas permezz ta’ ittra bonarja datata 21 ta’ Ottubru 2006, dan il-kreditu sa llum ghadu ma thallasx; u peress illi ghalhekk kellhom jittiehdu dawn il-proceduri, talbet ghalhekk is-socjeta’ attrici li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ Lm130.90c bl-ispejjes u l-imghax legali sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn gie eccepit illi m’huwiex minnu li qatt sehh self brevi manu bejn il-kontendenti, u l-eccipjenti ma ghandu jhallas xejn lis-socjeta’ attrici. L-ispejjes ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ attrici.

Sema x-xhieda ta’ Brian Dalton prodott mis-socjeta’ attrici.

Sema x-xhieda tal-konvenut Kevin Davidson.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi skond is-socjeta’ attrici, l-konvenut kien impjegat taghha li kien qed jaqla salarju regolari, u li f’xi perjodu kien talab ammont minghand id-direttur tal-istess socjeta’ sabiex ikun jista’ jhallas ghall-insurance tal-karozza tieghu. Ghalhekk id-direttur tas-socjeta’ attrici, Brian Dalton, ghaddielu cekk ghall-ammont ta’ Lm130.90, liema cekk kien ‘payable’ lil Bonnici Insurance Limited. Skond ix-xhud Brian Dalton, l-arrangament bejn il-partijiet kien li dan l-ammont kellu jithallas lura billi jitnaqqas mis-salarju li kien imiss tal-konvenut, izda sussegwentement nesa jnaqqas l-ammont mis-salarju u wara deherlu li ma riedx jippressa l-konvenut peress li kien jaf li kien ghaddej minn perjodu ta’ problemi finanzjarji. Ic-cekk in kwistjoni

inhareg fil-31 ta’ Jannar 2004, u tul il-perjodu kollu li l-konvenut dam jahdem mas-socjeta’ attrici qatt ma ntalab li jhallas l-ammont lura. Izda meta l-konvenut ma baqax jahdem mas-socjeta’ attrici, u cioe meta telaq minn hemm f’Ottubru tal-2005, id-Direttur Brian Dalton ippretenda li dan l-ammont jithallas lura mill-konvenut u ghalhekk l-istess ammont gie imnaqqas mill-ahhar salarju tal-konvenut. Peress illi l-Labour Office avzawh li dan ma setax isir, Brian Dalton rega hallas lura dan l-ammont lill-konvenut u fetah il-kawza odjerna.

Il-konvenut minn-naha tieghu jissottometti li qabel ma kien impjegat mas-socjeta’ attrici huwa kien qieghed jahdem ‘full time’ ma kumpanija ohra, u li qabel ma beda jahdem mas-socjeta’ attrici huwa ma kienx qed jircevi xi salarju minghandha. Huwa xehed pero li waqt li kien ghadu qed jahdem mal-kumpanija l-ohra, kien jaghmel xi xoghol mas-socjeta’ attrici wara l-hinijiet tax-xoghol tieghu. Skond hu, c-cekk in kwistjoni li nhareg mis-socjeta’ attrici sabiex jithallas l-insurance tieghu kien effettivament thallas bhala forma ta’ remunerazzjoni ghal dan ix-xoghol li kien qed jaghmel mas-socjeta’ attrici wara l-hinijiet tax-xoghol regolari tieghu.

Illi t-Tribunal jinnota illi fl-ewwel lok ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-hrug ta’ dan ic-cekk. Hemm qbil ukoll illi dan ic-cekk inhareg mis-socjeta’ attrici sabiex jithallas l-insurance tal-konvenut. Il-kwistjoni allura hija jekk dan kienx self da parti tas-socjeta’ attrici lill-konvenut, jew jekk kienx hlas ta’ ammont dovut lill-konvenut.

Illi bhala fatt, kif jidher mill-FS3 (iffirmat minn Brian Dalton stess) tal-konvenut, dan beda jahdem mas-socjeta’ attrici fl-14 ta’ Frar tal-2004 u telaq mix-xoghol fil-31 ta’ Dicembru tal-2004. Mitlub jaghti spjegazzjoni dwar dan, ix-xhud Brian Dalton spjega li l-konvenut ma kellux ‘work permit’ biex jahdem Malta qabel din id-data u ghalhekk meta kellha tintela l-FS3, bilfors kellhom jitnizzlu d-dati skond il-‘work permit’. Huwa sostna pero li l-konvenut kien diga ilu jahdem mas-socjeta’ attrici fuq bazi ‘full time’

qabel din id-data, u l-paga tieghu kienet tohrog fuq isem il-mara tieghu.

Illi mbaghad, meta nhareg dan ic-cekk, skond is-socjeta' attrici l-intendiment kien li l-ammont jithallas lura mill-konvenut billi jitnaqqas mis-salarju tieghu – haga li pero qatt ma saret, u meta gie mistoqsi x-xhud Brian Dalton jekk qatt kien talab il-hlas lura ta' dan l-ammont minghand il-konvenut fil-perjodu meta huwa kien jahdem hemm, ir-risposta kienet li qatt ma saret talba f'dan is-sens hlief meta l-konvenut spicca mix-xoghol mas-socjeta' konvenuta.

Illi fin-nuqqas ta' xi skrittura privata bejn il-partijiet li tirregola t-termini ta' dan l-allegat self, u peress illi ma hemm assolutament xejn bil-miktub bejn il-partijiet f'dan is-sens, it-Tribunal bilfors irid jevalwa l-versjonijiet tal-fatti u l-kredibilta' tax-xhieda.

It-Tribunal jidhirlu illi d-dokument 'BD1' li giet esebita mis-socjeta' attrici bl-ebda mod ma tikostitwixxi xi prova dokumentarja li l-ammont mhallas sar b'self mis-socjeta' attrici lill-konvenut, ghaliex huwa semplici 'ledger entry' li turi li hemm debitu ta' Lm130.90, liema 'entry' ovvjament ser tkun mnizzla hekk jekk is-socjeta' attrici qed issostni li dan l-ammont ghadu dovut.  Mkien f'dan id-dokument pero ma jidher li dan l-ammont inghata b'self u ghalhekk ma jitfa l-ebda dawl fuq il-kwistjoni.

Illi li kieku dan verament kien xi self kif qed tallega s-socjeta' attrici, l-izjed haga ovvja kienet tkun li l-ammont jew jitnaqqas kollu mill-ewwel salarju kif suppost kellu jsir, jew inkella jitnaqqas ftit ftit mis-salarju tal-konvenut tul il-perjodu li kien qed jahdem hemm.  Minn dan kollu ma sar xejn, u fil-fatt tul il-perjodu ta' kwazi sentejn shah is-socjeta' attrici qatt ma ghamlet xi tentattiv sabiex tigbor il-flus u qatt ma talbet il-hlas lura ta' dan l-ammont li allegatament kienet silfet lill-konvenut.  Kien biss meta l-konvenut telaq mix-xoghol illi il-hlas ta' dan l-ammont intalab lura minghandu.

Illi kuntrarjament ghal dak li xehed Brian Dalton, il-fatti juru li l-konvenut beda jahdem mas-socjeta' attrici fl-14 ta' Frar 2004, (kif jidher dokumentat car fil-FS3 tal-konvenut). Illi alavolja skond dan ix-xhud, il-konvenut kien ilu jahdem 'full time' mas-socjeta' attrici anki qabel din id-data, skond il-konvenut dan mhuwiex minnu peress li huwa kien impjegat 'full time' ma kumpanija ohra qabel din id-data, u kien biss qed jaghmel xi xoghlijiet wara l-hinijiet normali tieghu mas-socjeta' attrici.

Illi tenut dan in konsiderazzjoni t-Tribunal jidhirlu li hija ferm izjed kredibbli l-versjoni tal-konvenut, fis-sens illi huwa kien qed jaghmel xi xoghol 'on the side' ghas-socjeta' attrici sakemm beda jahdem 'full time' mid-data li tidher fuq l-FS3. It-Tribunal isibha difficli hafna jemmen li s-socjeta' attrici kienet qed thallas salarju lill-konvenut f'isem il-mara tieghu, meta dan ma kienx ghadu impjegat mas-socjeta' attrici ghaliex l-ebda kumpanija m'hi ser thallas salarju lill-persuna li lanqas biss hija impjegata taghha – u kieku biss, jekk kienet ser thallas salarju lil xi hadd li ma kienx impjegat maghha setghet facilment thallasha direttament lil min kien verament qed jahdem maghha – sakemm dan ma kienx impjegat band'ohra.

It-Tribunal jidhirlu li fil-fatt ma sar l-ebda self lill-konvenut, kif qed issosnti s-socjeta' attrici, izda dak li gara huwa pjuttost dak illi jallega l-konvenut, u cioe li huwa kien qed jaghmel xi xoghol ghas-socjeta' attrici qabel ma beda jahdem hemm 'full time', u permezz tac-cekk in kwistjoni thallas l-insurance tal-konvenut biex jaghmel tajjeb ghar-remunerazzjoni dovuta lill-konvenut, anki sahansitra sabiex ma jidhirx li sar xi hlas direttament lill-konvenut.

Illi ghalhekk il-konvenut m'ghandux jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lm130.90c lura lis-socjeta' attrici, ghaliex ma giex sufficjentement ippruvat illi tali somma giet mislufa lilu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici kif kontenuti fl-Avviz, u jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut. L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------